## It-Tnejn u Tletin Ħadd Matul is-Sena
## "Mhuwiex Alla tal-Mejtin, Iżda tal-Ħajjin"

***Daħla:*** Matul dan ix-xahar, inżuru ċ-ċimiteri fejn l-għeżież tagħna huma midfuna. Nirriflettu dwar il-mewt u x'hemm wara. Illum, Ġesù jitkellem ċar u mingħajr ma jidħol f'dettalji jwiegħed li hemm ħlas kbir għal min jibqa' fidil lejh u jkun jistħoqqlu. Ejjew nagħmlu kuraġġ lil xulxin u nsaħħu l-fidi u t-tama tagħna fil-Mulej u l-wegħdiet ta' dak li ma jqarraqx bina. Nibdew din iċ-ċelebrazzjoni ta' ringrazzjament billi nkantaw….

***L-Ewwel Qari:*** Il-fidi fil-qawma mill-imwiet tat lil sebat aħwa u ommhom il-qawwa biex waqt l-iktar torturi kiefra jżommu sħiħ, qalbhom qawwija li Alla jqajjimhom għall-ħajja ta' dejjem. Nisimgħu.

***Responsorju tas-Salm:*** **Meta nqum, nithenna bid-dehra tiegħek**

***It-Tieni Qari:*** Bħala Nsara għandna nitolbu bil-ħerqa biex il-Vanġelu jkun imxandar u jkun milqugħ iktar nies għas-salvazzjoni tagħhom. San Pawl iħeġġiġna biex nafdaw f'Alla li hu fidil f'kollox magħna.

***Offertorju:****(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Irressqu dawn l-offerti għas-sagrifiċċju li bih niksbu qawmien spiritwali f'din il-ħajja u jhejjina għall-qawmien mill-imwiet. Waqt din l-offerta, inkantaw….

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
Bil-qima kollha nersqu biex nieħdu sehem minn din il-mejda Ewkaristika, li hi għalina rahan tal-ħajja ta' dejjem. Waqt li nersqu lejn l-artal, inkantaw...

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Irroddu ħajr lill-Mulej tal-ġid kollu li tana u talli f'Ibnu Ġesù mliena bit-tama tal-ħajja dejjiema. Nuru dan ir-ringrazzjament tagħna, billi flimkien ngħidu (jew) inkantaw….

***Kant tal-Għeluq...***